*Interrogazzjoni mingħajr avukat*
*Rinunzja għall-avukat*
*Overall fairness of proceedings*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 12 ta' Marzu 2024**

**Rikors Kost. Nru. 515/2021 GM**

**Lamin Samura Seguba**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Lamin Samura Seguba li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti tiddikjara li sofra ksur tal-Art. 39 u l-Art. 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Art. 6,7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan billi r-rikorrent qiegħed jallega nuqqas ta' smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali miftuħin kontrih (Att t'Akkuża 11/2017)

minħabba li ma kienx assistit minn avukat waqt li ġie nterrogat mill-pulizija, u għaliex ma ngħatax aċċess għall-fajl tal-pulizija.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi:

> Illi r-rikorrent jinsab akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali bil-pussess u bit-traffikar tad-droga fil-kawza *Ir-Repubblika ta` Malta vs. Lamin Samura Seguba Att t`Akkuza 11/2017*. Il-kawza kostituzzjonali odjerna hija essenzjalment dwar allegat ksur tal-jedd għal-smigħ xieraq minhabba li r-rikorrenti ma kienx assistit minn avukat waqt li gie interrogat mill-pulizija u għax ma ingħatax access għal-file tal-puliziija.
>
> Illi bħala punt ta' dritt taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, nsibu l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma ġġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali allura dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda raġun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq abbażi ta' dan in-nuqqas.
>
> Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f'ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (ara *inter alia* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri*** tat-22 ta' Frar 2013, ***Charles Stephen Muscat vs. Avukat Ġenerali*** tat-8 ta' Ottubru 2012 u ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali*** tal-14 ta' Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Marbut ma` dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-

interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi ***Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998, ***Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).

Illi di piu ix-xenarju gurisprudenzjali rega inbiddel bil-kawzi **Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta.** Xi stabbiliet fl-ahhar snin l-Qorti Ewropeja fil-kazijiet tagħha? Il-Qorti Ewropeja stabbiliet li f'kaz li jkun hemm restrizzjoni għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju, ma jkunx hemm ksur għad-dritt għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku izda f'dawk il-kazijiet ikunu jridu jiġu applikati zewg testijiet: (a) it-test tal-ezistenza tal-compelling reasons; u f'kaz li tali *compelling reasons* ma jirrizultax (b) it-test tal-*overall fairness* tal-proceduri. Izda l-Qorti Ewropeja ma waqfitx hemm u fil-kaz diċiż mill-Grand Chamber fl-ismijiet **Beuze v. Belgium** gew elenkati numri ta' fatturi li kellhom jittiehdu in kunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proceduri fit-totalita' tagħhom sabiex wiehed jista' jasal għall-konkluzjoni jekk effettivament inkisirx id-dritt għal smigħ xieraq naxxenti mit-tehid ta' istqarrija mingħajr assistenza legali. Illi wara li ngħatat is-sentenza **Beuze v. Belgium** il-Qorti Ewropeja kellha l-opportunita' li tevalwa s-sistema processwali kriminali nostrana sabiex tara jekk is-sistema tagħna toffrix garanziji bizzejjed anke jekk id-dritt ta' avukat ikun ristrett b'mod sistematiku.

Illi wiehed ma jistgħax jinjora l-fatt illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma gie imgiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Huwa ingħata t-twissija skont il-liġi u l-istess rikorrenti kien qed jifhem l-import tac-cirkostnza li kien jinsab fiha. Marbut ma dan imkien ma jirrizulta li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli u lanqas li sofra xi pressjoni, theddid jew influwenza fit-tehid tal-istqarrija. Di piu` jirrizulta li r-rikorrent fil-fatt ingħata id-dritt li jikkonsulta ma` avukat qabel ma` ittehditlu l-istqarrija izda huwa irrifjuta li jkun assistit minn avukat u hemm dikjarazzjoni tiegħu f`dan is-sens.

Illi apparti dan kollu għandu jiġi rispettat u mhares ukoll il-principju tal-*overall fairness* tal-process kriminali kif gie anke ritenut fil-kawza *Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Aiello* mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal is-segwenti:

*"Hu fuq l-Istat l-obbliġu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm overall fairness.* ***F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' Beuze għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx.***
*Dan għaliex:*
*...dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma il-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel "...kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu"(Artikolu 465 tal-Kap. 9)*

Illi f'dan l-isfond  u wara li ddikjarat l-istqarrija u kull referenza għaliha bħala prova ammissibbli l-Qorti tal-Appelli Kriminali aċċennat ***illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu l-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirriżulta li dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq ċiċtata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.***

Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta` għemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali (**ara Joseph Bugeja vs. Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 14 ta` Jannar 2013**). Biex in-nuqqas ta` assistenza legali jista` potenzjalment iwassal għal ksur ta` smigħ xieraq irid jiġi muri b`mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq perikolu illi r-rikorrenti nstab hati meta ma kellhux jistab hati.

Il-jedd għal parir ta` avukat huwa intiz biex jitharsu persuni illi minhabba sitwazzjoni partikolari ta` vulnerabilita`, djgħufija jew biza`, jagħmlu stqarrijiet li bis-sahha tagħhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex. L-għajnuna ta` avukat f`sitwazzjonijiet bħal dawn isservi biex tegħleb dik il-vulnerabilita` u biex tagħti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija **(ara *Il- Pulizija vs. Tyrone Fenech*, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta` Frar 2013).**

**Illi l-esponent jirrileva ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-kawza *Ir-Repubblika ta`Malta vs. Lamin Samura Seguba* diga` esprimiet ruhha meta giet biex tiddeciedi l-eccezzjonijiet preliminari li qajjem ir-rikorrent b`sentenza datata 27 ta` Jannar 2021 meta l-Avukat Generali appella mid-diċiżjoni tal-Qorti Kriminali li tiġi sfilzata l-istqarrija tal-akkuzat. Wahda mill-eccezzjonijiet preliminari li qajjem ir-rikorent kienet proprju sabiex l-istqarrija tiġi sfilzata u l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha għamlitha cara li l-istqarrija tar-rikorrent m`għandiex tiġi sfilzata *a priori.***

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent il-ġurisprudenza fuq dan is-suġġett evolviet b'tali mod li hija univoka dwar li l-fatt waħdu li stqarrija tkun ittieħdet mingħajr l-assistenza legali ma jrendihiex prova inammissibbli li għandha tiġi sfilzata . Illi l-Qrati penali għandhom l-għarfien u l-għodda kollha sabiex meta jiġu biex jevalwaw l-valur probatorju tal-provi li jkollhom quddiemhom dan isir anke in konsiderazzjoni tat-tgħallim gurisprudenzjali tal-Qorti Kostituzzjonali u l-ECHR.

Illi specifikatament dwar l-ilment ta` nuqqas ta` accessibilita` għad-dokumenti (rule of discolusure), l-esponenti jirrileva li l-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra r-rikorrenti gew imressqa u ipprezentati quddiem il-Qorti penali u jifformaw parti mill-atti processwali f`dik il-kawza u għalhekk ir-rikorrent bħala akkuzat għandu dejjem access għall-atti processwali tal-kawza tiegħu. L-esponenti jissottometti li r-rikorrenti għandu għarfien shih tal-provi kollha tal-Prosekuzzjoni u dan stante li tali provi tressqu fl-istadju tal-gbir tal-provi. Il-provi kollha li kellhom il-pulizija fil-konfront tar-rikorrenti huma kollha fil-process kriminali. Illi l-istess rikorrenti kellu u għad għandu kull opportunita' li jezamina u jagħmel il-kontro-ezamijiet tax-xhieda kollha mressqa u għandu ukoll l-opportunita' li jiskrutinja d-dokumenti kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni

filwaqt li l-istess rikorrenti jista jipproduci l-provi kollha li hass li huma rilevanti in sostenn tad-difiza tiegħu.

Illi jsegwi għalhekk li r-rikorrenti bl-ebda mod ma sofra minn xi pregudizzju fit-thejjija tad-difiza tiegħu għall-akkuzi mressqa kontra tiegħu bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq.

Illi in kwantu il-lanjanza naxxenti minn allegat nuqqas ta` akkreditazzjoni tal-Laboratorju fejn saru t-testijiet fuq id-droga, l-esponenti jibda billi jissottometti li dina hija kwistjoni purament ta` liġi ordinarja u mhijiex kwistjoni ta` indole kostituzzjonali. Illi kwistjonijiet dwar ammissibilita` ta` xhieda jew dokumenti għandhom jiġu dibattuti l-Qrati ordinarji li jkunu qegħdin jisimgħu il-kwistjoni partikolari. Jekk fil-fehma tar-rikorrenti hemm xi nuqqas fi trasposizzjoni ta` liġi tal-Unjoni Ewropea, certament li tali kwistjoni ma għandiex titqajjem quddiem il-Qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali izda quddiem Qrati ordinarji.

Illi l-esponenti jissottometti ulterjorment illi d-Diċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA li titratta akkreditazzjoni ta` laboratorji forensici mhijiex applikabbli għall-kaz odjern stante li dak li teziġi u tirregola id-diċiżjoni kwadru huwa l-laboratorji forensici li jagħmlu testijiet tal-marki tas-swaba jew tal-profili tad-DNA għandhom ikunu akkreditati. Fil-kaz odjern la saru testijiet fuq marki tas-swaba u lanqas fuq prifili tad-DNA izda t-testijiet kienu fuq is-sustanza suspettuza li instabet sabiex jiġi accertat jekk kinitx droga u jekk fl-affermattiv x`tip ta` droga u l-purita` tal-istess.

Illi l-artikolu 2 tal-istess diċiżjoni kwadru tagħmilha cara li l-applikazzjoni tagħha hija limitata għal attivatijiet f`laboratorji li jkollhom x`jaqsmu ma DNA profile jew dactyloscopic data. Illi hija biss fir-rigward ta` dawn iz-zewg attivitajiet partikolari li l-artikolu 4 jimponi l-obbliġu illi *Member States shall ensure that their forensic service providers carrying our laboratory activities are accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025*. Madanakollu dan l-obbliġu ma japplikax għal testijiet fil-laboratorji forensici li jikkoncernaw sustanzi illeciti u li għalhekk bir-rispett kollu din id-diċiżjoni kwadru mhijiex rilevanti u lanqas tapplika fil-kaz tar-rikorrenti fejn it-testijiet saru fuq is-sustanza illecita li instabet.

Illi għalhekk galadarba id-diċiżjoni kwadru mhijiex applikabbli, il-lanjanza tar-rikorrenti tfalli f`kull aspett u ma tregix. Illi r-rikorrent jagħmel referenza ukoll għall-*istandards* internazzjonali ISO/IEC 17025, *General Requirements for the competence of testing and calibration laboratories*. Illi f'dan ir-rigward l-esponent jissottometti li dawn l-*istandards* internazzjonali ma jimponu l-ebda obbligu li l-laboratorji forensiċi jkunu akkreditati.

Finalment u fi kwalunkwe każ, strettament mingħajr preġudizzju għal dak suespost, kemm-il darba r-rikorrent seta' kellu xi dubju dwar il-metodoloġija użata mill-Ispiżjar Godwin Sammut fil-kors tal-analiżi tiegħu, huwa seta' faċilment isejjaħlu bħala xhud u jistaqsih d-domandi kollha li jidhirlu opportuni. Fil-kaz odjern is-sustanza li giet analizzata hija droga projbita mil-liġi u l-ebda akkreditazzjoni ta` xi laboratorju ma hu ser ibiddel dan il-fatt.

Għalhekk m`hemm l-ebda lezjoni tal-artikoli msemmija.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat il-kopja tal-atti tal-proċess kriminali esebita.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Fis-7 ta' Diċembru 2014, fil-preżenza tar-rikorrent, il-Pulizija, wara informazzjoni anonima, għamlet tfittxija fir-residenza 30, *Providenza*, Flat 6, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar, fejn allegatament sabet madwar kilo droga fil-kamra tas-sodda tar-rikorrent. Ir-rikorrent li kien joqgħod fl-appartament flimkien ma' żewġ persuni oħra.

Ġie mgħarraf bid-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu qabel interrogazzjoni li kienet sejra ssirlu. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt.

Wara li ġie mwissi li jista' jagħżel li ma jitkellimx iżda dak li jgħid jista' jittieħed bħala prova kontrih, u ngħata Ittra tad-Drittijiet, għamel stqarrija fis-7 ta' Diċembru 2014. Stqarr li d-droga kienet tiegħu, li kien xtraha mingħand Tuniżin bil-prezz ta' €2,000; li din ma kinitx l-ewwel darba li xtara mingħandu biex imbagħad ibiegħha li min jitolbu; li l-ġurnata ta' qabel kien biegħ pakkett kannabis għal €10 u li kien beda jbiegħ id-droga madwar 4 xhur qabel minn bar fil-Marsa ħdejn iċ-Ċentru Miftuħ. Kien ibiegħha f'pakketti għal €10 l-wieħed.

Fit-8 ta' Diċembru 2014 ir-rikorrent tressaq b'arrest akkużat bit-traffikar, pussess aggravat u pussess sempliċi tad-droga kannabis. Huwa ċaħad dawn l-akkużi.

Matul il-kors tal-proċeduri il-Qorti ħatret perit tekniku biex janalizza l-allegata droga misjuba. L-espert ippreżenta r-rapport tiegħu fejn sab li s-sustanza elevata mill-appartament tar-rikorrent kienet Cannabis Grass.

F'Settembru 2017 tqiegħed taħt l-Att t'Akkuża fuq imsemmi.

Fil-11 ta' Ġunju 2020 il-Qorti Kriminali tat sentenza preliminari li permezz tagħha ordnat li ma kellha ssir l-ebda riferenza għall-istqarrija tal-akkużat.

L-Avukat Generali appella mill-imsemmija deċiżjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat sentenza fis-27 ta' Jannar 2021. Fil-qosor ħafna, il-qalba tar-raġunament tagħha kien dan:

(i) Ma setgħax jingħad li d-dritt għall-assistenza legali ġie miċħud għal kollox lill-akkużat. Ġiet offruta lilu l-possibilita` li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni, skont il-liġi ta' dak iż-żmien. Huwa minnu dak li rrimarkat l-Ewwel Qorti li, kieku ngħata din il-forma ta' parir legali, imbagħad baqa' silenzjuż waqt l-interrogazzjoni, kien ikun hemm inferenza ta' ammissjoni ta'

ħtija. Din ir-regola iżda tneħħiet mil-liġi u għalhekk ħalliet bla mittiefes id-dritt għas-silenzju.

(ii) *Philippe Beuze v. Belgium* mogħtija fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Grand Chamber qalbet il-linja li kienet ittieħdet fid-deċiżjoni *Salduz and others,* billi ntroduċiet mill-ġdid il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings*; ċjoe` in-nuqqas tal-preżenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni ma kellhiex issarraf awtomatikament f'nuqqas ta' smiegħ xieraq imma kellu jiddieħed il-proċediment kollu kemm hu. Dan kellu jiġi eżaminat fid-dawl ta' lista ta' fatturi msemmija mill-Qorti (Ewropeja), li ma kinux eżawrjenti.[1]

Il-Qorti (tal-Appell Kriminali) ma setgħetx toħloq *a blanket evidentiary rule of criminal law* billi tiddikjara inammissibli stqarrija miksuba legalment fuq il-premessa li din setgħet tikser id-dritt ta' smiegħ xieraq.

(iii) Ma setgħetx, f'dak l-istadju bikri, meta l-ġuri ma bediex, tiddetermina jekk kienx hemm *overall fairness.* Lanqas kellha kompetenza tiddetermina kienx hemm, jew jekk potenzjalment kienx sejjer ikun hemm, ksur tal-jeddijiet fundamentali. Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma tistax *a priori*, minħabba r-raġuni mogħtija fl-eċċezzjoni preliminari tal-akkużat, tneħħi mill-proċess provi li f'dak l-istadju kellhom piż probatorju. Dan għaliex issa l-Qorti Ewropeja kienet qiegħdha tiddirieġi lill-qrati domestiċi biex jinvestigaw jekk il-proċeduri meħudin kollha flimkien kinux ġusti. Eżerċizzju li seta' jsir biss wara li jkunu tressqu l-provi kollha. L-akkużat ikollu wkoll id-dritt li jappella mill-verdett tal-Qorti Kriminali jekk jinstab ħati. Kien sejjer ikun id-dmir tal-imħallef li jippresjedi l-ġuri li jindirizza b'mod korrett lill-ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrija jekk jirriżulta waqt il-ġuri li din ma ngħatatx skont il-liġi jew jekk jirriżulta li l-*overall fairness* tal-proċeduri kienet maħsusa bihom skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza ta' *Beuze.*

[1] *Beuze* ġiet segwita f'Carmel Joseph Farrugia v. Malta 04.06.2019 mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ftit xhur wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u ċjoe` fit-12 t'Awwissu 2021 ir-rikorrent fetaħ din il-kawża, s'intendi għaliex mhuwiex kuntent bir-raġunament u bil-konklużjonijiet tagħha.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Huwa minnu, kif jilmenta r-rikorrent, u kif tirrimarka l-imsemmija Qorti fis-sentenza tagħha suċċitata, li l-Qrati f'xi waqtiet qiesu li l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-preżenza ta' avukat m'għandhiex titħalla fil-proċess iżda drabi oħra qiesu li stqarrija bħal din m'għandhiex tiġi mneħħija *a priori* mingħajr ma jkun hemm provvediment fil-liġi li jeskludi prova ta' dan it-tip, u li għalhekk l-ewwel trid titqies l-*overall fairness* tal-proċedura.

B'danakollu, l-indirizz l-iktar b'saħħtu mogħti mill-Qrati tagħna, kemm dawk ta' kompetenza kriminali kif ukoll dawk kostituzzjonali, huwa l-istess bħal dak tal-Qorti Ewropeja espress f'dak ta' *Beuze*. Dan jgħodd partikolarment għall-ġurisprudenza l-iktar riċenti.

Dan l-indirizz kompla jiġi affermat mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna fis-sentenza ***Barbara v. Avukat Generali***[2] li fiha fattispeċje li għal dak li jiswa huma identiċi għal dawk ta' din il-kawża: l-liġi fil-mument tal-interrogazzjoni kienet l-istess bħalma kienet f'din il-kawża; is-suspettat ukoll irrinunzja għad-dritt tal-avukat qabel l-interrogazzjoni; u l-proċeduri penali kienu għadhom pendenti. Il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti li kienet iddikjarat li l-fatt li l-interrogat ma kienx assistit kien jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u ordnat it-tneħħija tal-istqarrija mill-proċess. Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għal żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropeja b'fattispeċje jixxiebħu li ddikjaraw l-ilment ta' ksur ta' smigħ xieraq bħala wieħed prematur.[3] Irreferiet

[2] Romario Barbara v. L-Avukat Generali 12.07.2023.
[3] Martin Dimech v. Malta 02.04.2015 u Tyrone Fenech v. Malta 05.01.2016.

ukoll għal Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello.[4] Qieset ukoll li mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqgħodu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza.[5] Qalet ukoll li:

> 18. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi I-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi I-ilment *de quo agitur* jiġi diskuss f'dan l-istadju *in vacuo*. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha titbiegħed minn dan ir-raġunament tal-ogħla Qorti tagħna.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħdha tiddikjara l-azzjoni intempestiva u għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[4] Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello 27.01.2021 Qorti tal-Appell Kriminali.

[5] Para. 24 tas-sentenza, fejn ġie riprodott estratt mis-sentenza Carmel Camilleri v Malta 16.03.2000 Qorti Ewropeja.